2024/3102

12.12.2024

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/3102

tat-2 ta' Settembru 2024

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontijiet ekonomiċi għall-agrikoltura fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] stabbilixxa klassifikazzjoni statistika komuni tal-attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni ("NACE Rev. 2"), li bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2008.

(2) Wara li bdiet tapplika n-NACE Rev. 2, il-globalizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni biddlu progressivament il-mod li bih ħafna attivitajiet ekonomiċi jipprovdu l-oġġetti u s-servizzi madwar id-dinja.

(3) Bħala riżultat ta' dawk il-bidliet, in-NACE Rev. 2 kellha tiġi aġġornata, biex tibqa' komparabbli u konsistenti mal-istandards għall-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi użati fil-livell internazzjonali. Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 [3] emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 u stabbilixxa l-klassifikazzjoni aġġornata ("NACE Rev. 2.1").

(4) Biex l-utenti jkunu jistgħu jivvalutaw il-bidliet dettaljati tal-kontenut fin-NACE u biex iqabblu l-verżjoni preċedenti tal-klassifikazzjoni mal-verżjoni aġġornata tagħha, fl-1 ta' Awwissu 2023 ġiet ippruvduta tabella ta' korrispondenza [4] flimkien ma' xi noti ta' spjegazzjoni [5] għall-utenti tal-klassifikazzjoni.

(5) Il-korp kbir ta' leġiżlazzjoni li jistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trażmissjoni tad-*data* li jirreferu għal taqsimiet, diviżjonijiet, gruppi jew klassijiet speċifiċi tan-NACE jinkludi r-Regolament (KE) Nru 138/2004. Sabiex jiġi żgurat li dawk ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni jiġu espressi f'termini kompatibbli mal-klassifikazzjoni aġġornata (NACE Rev. 2.1), ir-Regolament (KE) Nru 138/2004 jenħtieġ li jiġi emendat.

(6) Peress li l-granularità tal-klassifikazzjoni aġġornata hija simili għal dik tal-verżjoni oriġinali tal-klassifikazzjoni, l-emendi tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jimponu l-ebda piż addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri jew fuq ir-rispondenti.

---

[1] ĠU L 33, 5.2.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2004/138/oj.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).

[3] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/137 tal-10 ta' Ottubru 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 (ĠU L 19, 20.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/137/oj).

[4] https://europa.eu/!f6H9nX.

[5] https://europa.eu/!FNRFFB.

(7) Jenħtieġ li l-konformità mal-klassifikazzjoni aġġornata ma tkunx meħtieġa minnufih, peress li huwa meħtieġ ċertu perjodu ta' żmien biex il-fornituri tad-*data* jkunu jistgħu jadattaw għar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda. Ta' min ifakkar li r-Regolament Delegat (UE) 2023/137, li emenda r-Regolament (KE) Nru 1893/2006, jistabbilixxi d-dati differiti tal-applikazzjoni għal ċerti dominji statistiċi. Għalhekk jenħtieġ li d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tkun differita wkoll.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 138/2004 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2028, fir-rigward tat-trażmissjonijiet tad-*data* lill-Kummissjoni (Eurostat), relatati ma' kull perjodu ta' referenza li jibda f'dik id-data jew wara.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Settembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 138/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Anness kollu, "NACE Rev. 2" hija sostitwita b'"NACE";

(2) Il-Parti I hija emendata kif ġej:

(a) fit-taqsima B, il-punt 1 "L-unità bażika", il-punt 1.10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.10 L-unità tat-tip ta' attività lokali (KAU lokali) hija l-parti tal-KAU li tikkorrispondi għal unità lokali. Fl-SNA 2008 u fl-Istandard Internazzjonali ta' Klassifikazzjoni Industrijali tal-Attivitajiet Ekonomiċi Kollha (ISIC), il-KAU lokali tissejjaħ "stabbiliment". Il-KAU tiġbor flimkien il-partijiet kollha ta' unità istituzzjonali fil-kapaċità tagħha bħala produttur li tikkontribwixxi għall-prestazzjoni ta' attività fil-livell ta' klassi (erba' ċifri) tan-NACE (*) (il-klassifikazzjoni ta' referenza għall-attivitajiet ekonomiċi, cf. 1.55) u tikkorrispondi għal waħda jew aktar mis-sottodiviżjonijiet operazzjonali tal-unità istituzzjonali. Is-sistema tal-informazzjoni tal-unità istituzzjonali trid tkun kapaċi tindika jew tikkalkula għal kull KAU lokali mill-anqas il-valur tal-produzzjoni, il-konsum intermedju, il-kumpens lill-impjegati, is-surplus operatorju, u l-impjiegi u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss (ESA 2010, 2.148). L-unità lokali hija unità istituzzjonali, jew parti minn unità istituzzjonali, li tipproduċi oġġetti jew servizzi li jkunu jinsabu f'post ġeografikament identifikat.

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klass ifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1893/oj).";

(b) it-taqsima F hija emendata kif ġej:

(i) fil-punt 1 "Ġenerali", il-punt 1.56 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.56 In-NACE hija verżjoni aktar dettaljata tal-ISIC, adattata għal ċirkostanzi speċifiċi Ewropej. In-NACE hija wkoll marbuta direttament mal-klassifikazzjoni statistika tal-prodotti skont l-attività (KPA) (*) fl-Unjoni Ewropea, li min-naħa tagħha hija bbażata fuq il-Klassifikazzjoni Ċentrali tal-Prodotti (CPC).

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) (ĠU L 145, 4.6.2008, p. 65, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/451/oj).";

(ii) fil-punt 2 "Definizzjoni tal-attivitajiet karatteristiċi tal-agrikoltura", fit-tieni sentenza tal-punt 1.62, titħassar in-nota 10 f'qiegħ il-paġna;

(iii) il-punt 4 "Osservazzjonijiet dwar affarijiet varji" huwa emendat kif ġej:

— fil-punt 1.71, l-ewwel sentenza, titħassar in-nota 12 f'qiegħ il-paġna;

— il-punt 1.89 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.89 It-trobbija tal-annimali li ssir fil-farms għal remunerazzjoni (il-provdiment tal-art għall-bhejjem) huwa xogħol kuntrattwali agrikolu peress li huwa parti mill-proċess tal-produzzjoni agrikola. Din l-intestatura, madankollu, ma tinkludix l-allevament u l-kura privati taż-żwiemel tas-sarġ, peress li dawn l-attivitajiet ma jikkostitwux il-produzzjoni ta' oġġetti iżda servizz ġenwin skont it-tifsira tal-ESA 2010 (it-taqsima S tan-NACE).";

— il-punt 1.92 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1.92 Dan il-grupp tal-attivitajiet jinkludi l-attivitajiet li ġejjin: (i) il-kaċċa u l-insib fuq bażi kummerċjali; (ii) it-teħid tal-annimali (mejtin jew ħajjin) għall-ikel, fer jew ġilda, jew għall-użu fir-riċerka, fiż-żoos jew bħala annimali domestiċi; (iii) il-produzzjoni tal-ġlud tal-fer jew ġlud tar-rettili jew tal-għasafar minn attivitajiet tal-kaċċa jew tal-insib. Ta' min jinnota li l-produzzjoni tal-ġlud minn biċċeriji u l-kaċċa bħala attività ta' sport jew rikreazzjoni mhumiex inklużi bħala attivitajiet karatteristiċi tal-industrija agrikola. Barra minn hekk, il-grupp tal-"kaċċa" ma jinkludix it-tnissil tas-selvaġġina fl-azjendi, li jenħtieġ li jiġi rreġistrat taħt il-Klassi 01.48 "Trobbija ta' annimali oħra"."